DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

12 ta' Novembru 2020 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet – Artikolu 5(1)(ċ) – Artikolu 7(1) – Dritt għal kumpens – Dewmien twil mal-wasla – Titjira rriżervata ma' trasportatur bl-ajru Komunitarju u magħmula minn żewġ titjiriet operati minn trasportaturi bl-ajru differenti bi tluq minn pajjiż terz lejn Stat Membru – Dewmien twil li seħħ fl-okkażjoni tal-ewwel titjira operata, fil-kuntest ta' kuntratt ta' kondiviżjoni ta' kodiċi, minn trasportatur bl-ajru ta' pajjiż terz – Rikors għad-danni kontra t-trasportatur Komunitarju"

Fil-Kawża C-367/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Amtsgericht Hamburg (il-Qorti Distrettwali ta' Hamburg, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Awwissu 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Awwissu 2020, fil-proċedura

SP

vs

KLM Royal Dutch Airlines, Direktion für Deutschland,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn D. Šváby (Relatur), li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Awla, S. Rodin u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li tinqata' l-kawża permezz ta' digriet motivat, konformement mal-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(5), tal-Artikolu 5(1)(b) u (ċ), kif ukoll tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn passiġġier, SP, u trasportatur bl-ajru, KLM Royal Dutch Airlines, Direktion für Deutschland (iktar 'il quddiem "KLM"), dwar ir-rifjut ta' din tal-aħħar li tikkumpensa lil dan il-passiġġier li t-titjira konnessa tiegħu ġarrbet dewmien twil mal-wasla.

Il-kuntest ġuridiku

3 Il-premessa 1 tar-Regolament Nru 261/2004 tiddikjara:

"Azzjoni mil-Komunitá fil-qasam ta' transport permezz ta' l-ajru għandha jkollha l-iskop, fost affarijiet oħrajn, li tassigura livell ogħli ta' protezzjoni għall-passiġġieri. 'Il fuq minn dan, konsiderazzjoni sħiħa għandha tiġi meħuda tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur b'mod ġenerali."

4 L-Artikolu 2(b) u (ċ) ta' dan ir-regolament jiddisponi:

"Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament::

[…]

(b) 'trasportatur ta' l-ajru li jopera' ifisser trasportatur ta' l-ajru li jwettaq jew li għandu l-ħsieb li jwettaq titjira taħt kuntratt ma' passiġġier jew f'isem persuna oħra, legali jew naturali, li għandha kuntratt ma' dak il-passiġġier;

(ċ) 'trasportatur Komunitarju' ifisser trasportatur ta' l-ajru b'liċenza valida ta' l-operazzjoni mogħtija minn Stat Membru skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Konsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar l-għoti ta' liċenzi lill-trasportaturi ta' l-ajru [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 3)]".

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat "Skop", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 5 tiegħu:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika:

[…]

(b) għal passiġġieri li jitilqu minn ajruport li jinstab f'pajjiż terz għal ajruport li jinstab fit-territorju ta' Stat Mebru għal liema japplika t-Trattat, kemm-il darba rċievu vantaġġi jew kumpens u ġew mogħtija assistenza f'dak il-pajjiż terz, jekk il-trasportatur ta' l-ajru li qed jopera tat-titjira in kwistjoni hu trasportatur Komunitarju.

[…]

5. Dan ir-Regolament għandu japplika għal kwalunkwe trasportatur ta' l-ajru li jopera li jipprovdi trasport għall-passiġġieri koperti mil-paragrafi 1 u 2. Fejn trasportatur ta' l-ajru li jopera li m'għandu l-ebda kuntratt mal-passiġġier iwettaq obbligazzjonijiet taħt dan ir-Regolament, għandu jiġi meqjus li qed jagħmel dan f'isem il-persuna li għandha kuntratt ma' dak il-passiġġier."

6 L-Artikolu 5(1)(ċ) tal-imsemmi regolament jiddisponi:

"Fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, il-passiġġieri in kwistjoni għandhom:

[…]

(ċ) jkollhom id-dritt għal kumpens mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond l-Artikolu 7, kemm-il darba:
(i) huma informati bil-kanċellazzjoni mill-inqas ġimgħatejn qabel il-ħin tat-tluq skedat; jew
(ii) huma informati bil-kanċellazzjoni bejn ġimgħatejn u sebat ijiem qabel il-ħin tat-tluq skedat u huma offruti rotta differenti, li tħallihom jitilqu mhux aktar minn sagħtejn qabel il-ħin tat-tluq skedat u jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom inqas minn erba' sigħat wara l-ħin tal-wasla skedat; jew
(iii) huma informati bil-kanċellazzjoni inqas minn sebat ijiem qabel il-ħin tat-tluq skedat u huma offruti rotta differenti, li tħallihom jitilqu mhux aktar minn siegħa qabel il-ħin tat-tluq skedat u jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom inqas minn sagħtejn wara l-ħin tal-wasla skedat."

7 L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 huwa fformulat kif ġej:

"Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jirċievu kumpens li jammonta għal:

[…]

(ċ) EUR 600 għat-titjiriet kollha li ma jaqawx taħt (a) jew (b).

[…]"

8 L-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament jistabbilixxi:

"F'każijiet fejn trasportatur ta' l-ajru li jopera jħallas kumpens jew jilħaq l-obbligazzjonijiet oħra li għandu d-dmir iwettaq taħt dan ir-Regolament, l-ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament ma jista' jiġi interpretat li jirrestrinġi d-dritt tiegħu li jfittex kumpens minn kwalunkwe persuna, inklużi partijiet terzi, skond il-liġi applikabbli. Partikolarment, dan ir-Regolament m'għandu bl-ebda mod jirrestrinġi d-dritt tal-trasportatur ta' l-ajru li jopera biex ifittex rimbors minn operatur tat-tour jew persuna oħra ma' liema l-trasportatur ta' l-ajru li jopera għandu kuntratt. B'mod simili, l-ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament ma tista' tiġi interpretata li tirrestrinġi d-dritt ta' operatur tat-tour jew ta' parti terza, barra minn passiġġier, ma' liema trasportatur ta' l-ajru li jopera għandu kuntratt, biex ifittex rimbors jew kumpens mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond il-liġijiet applikabbli rilevanti."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 SP wettaq riżervazzjoni, li ġiet ikkonfermata, għal titjira prevista fit-8 ta' Ġunju 2019 u li tgħaqqad lil New York (l-Istati Uniti) ma' Hamburg (il-Ġermanja) via Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi).

10 Fil-kuntest ta' din it-titjira b'konnessjoni li wasslet għal riżervazzjoni waħda ma' KLM, "trasportatur Komunitarju", fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 261/2004, it-titjira bejn New York u Amsterdam, operata fil-kuntest ta' ftehim ta' kondiviżjoni ta' kodiċi minn Delta Airlines, trasportatur stabbilit f'pajjiż terz, kellha dewmien mal-wasla tant li l-korrispondenza prevista mat-titjira bejn Amsterdam u Hamburg ma setgħetx tiġi żgurata għall-passiġġieri kkonċernati, li wassal sabiex SP jasal fid-destinazzjoni finali tiegħu b'dewmien ta' iktar minn tliet sigħat.

11 Quddiem ir-rifjut ta' KLM li tħallsu l-kumpens previst fl-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament Nru 261/2004, SP adixxa lill-qorti tar-rinviju, l-Amtsgericht Hamburg (il-Qorti Distrettwali ta' Hamburg, il-Ġermanja).

12 Peress li kellha dubji dwar l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 261/2004 għat-titjira kkonċernata minkejja l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, České aerolinie (C-502/18, EU:C:2019:604), l-Amtsgericht Hamburg (il-Qorti Distrettwali ta' Hamburg) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 5(1)(ċ) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 261/2004, ikkunsidrati flimkien mal-Artikolu 3(5) tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest ta' titjira b'konnessjoni, komposta minn żewġ titjiriet u li tat lok għal riżervazzjoni waħda, bi tluq minn ajruport li jinsab barra mit-territorju ta' kull Stat Membru (f'pajjiż terz) u b'destinazzjoni lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru permezz ta' ajruport [ta' Stat Membru] ieħor, passiġġier li jkun vittma ta' dewmien sabiex jasal fid-destinazzjoni finali tiegħu ta' tliet sigħat jew iktar li oriġina mill-ewwel titjira, żgurata, fil-kuntest ta' ftehim ta' kondiviżjoni ta' kodiċi, minn trasportatur stabbilit f'pajjiż terz, jista ifittex permezz ta' rikors għad-danni abbażi ta' dan ir-regolament lit-trasportatur bl-ajru Komunitarju li miegħu rriżerva t-titjira kollha kemm hija u li wettaq biss it-tieni titjira?"

Fuq id-domanda preliminari

13 Skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar tista', f'kull ħin, fuq proposta tal-Imħallef Relatur u wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat, partikolarment, meta r-risposta għal domanda preliminari ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli.

14 Peress li dan huwa l-każ f'din il-kawża, hemm lok li tiġi applikata din id-dispożizzjoni.

15 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(1)(ċ) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 261/2004, moqrija flimkien mal-Artikolu 3(1)(b) u (5) tiegħu, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest ta' titjira b'konnessjoni, komposta minn żewġ titjiriet u li tat lok għal riżervazzjoni waħda, bi tluq minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' pajjiż terz u b'destinazzjoni lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru, passiġġier li jkun vittma ta' dewmien ta' tliet sigħat jew iktar lejn id-destinazzjoni finali tiegħu, li oriġina mill-ewwel titjira, żgurata, fil-kuntest ta' ftehim ta' kondiviżjoni ta' kodiċi, minn trasportatur stabbilit f'pajjiż terz, jistax ifittex permezz ta' rikors għad-danni abbażi ta' dan ir-regolament lit-trasportatur bl-ajru Komunitarju li wettaq it-tieni titjira.

16 Ir-risposta għal din id-domanda teħtieġ, l-ewwel nett, li jiġi ddeterminat jekk ir-Regolament Nru 261/2004 huwiex applikabbli għal tali titjira.

17 F'dan ir-rigward, konformement mal-Artikolu 3(1)(b) tiegħu, ir-Regolament Nru 261/2004 japplika, b'mod partikolari, għall-passiġġieri li jitilqu minn ajruport li jinstab f'pajjiż terz lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru suġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE, sakemm dawn il-passiġġieri ma jibbenefikawx minn benefiċċji jew minn kumpens u minn assistenza f'dan il-pajjiż terz, jekk it-trasportatur bl-ajru li jopera t-titjira huwa trasportatur Komunitarju.

18 Minn dan jirriżulta li l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 261/2004 għal sitwazzjoni bħal dik imsemmija minn din id-dispożizzjoni tippresupponi li jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet, jiġifieri, l-ewwel, li tkun involuta titjira li titlaq minn ajruport li jinsab f'pajjiż terz lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru, it-tieni, li din it-titjira tkun operata minn trasportatur bl-ajru li jopera Komunitarju, jiġifieri, konformement mal-Artikolu 2(ċ) ta' dan ir-regolament, trasportatur li għandu

liċenzja operattiva valida maħruġa minn Stat Membru, u, it-tielet, li l-passiġġier ikkonċernat ma bbenefikax minn benefiċċji jew minn kumpens u minn assistenza fil-pajjiż terz (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Transportes Aéreos Portugueses, C-74/19, EU:C:2020:460, punt 33).

19 Fir-rigward tal-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni li tippreċiża li titjira b'konnessjoni waħda jew iktar li kienet is-suġġett ta' riżervazzjoni waħda tikkostitwixxi ħaġa waħda għall-finijiet tad-dritt għal kumpens tal-passiġġieri previst mir-Regolament Nru 261/2004, li jimplika li l-applikabbiltà ta' dan ir-regolament għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-post tat-tluq inizjali u tad-destinazzjoni finali tiegħu (sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, České aerolinie, C-502/18, EU:C:2019:604, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 Għalhekk, titjira b'konnessjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-qorti tar-rinviju kkonstatat li kienet tat lok għal riżervazzjoni waħda u li kienet saret bi tluq minn New York b'Hamburg bħala d-destinazzjoni finali, għandha titqies li saret minn ajruport ta' pajjiż terz b'destinazzjoni lejn ajruport ta' Stat Membru.

21 Fir-rigward tat-tieni waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 18 ta' dan id-digriet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-klassifikazzjoni ta' "trasportatur bl-ajru li jopera", fis-sens tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament Nru 261/2004 tippreżumi, minn naħa, it-twettiq tat-titjira kkonċernata u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' kuntratt konklużż ma' passiġġier (sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, České aerolinie, C-502/18, EU:C:2019:604, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 F'din il-perspettiva, hija kkunsidrat b'mod partikolari li trasportatur bl-ajru li, bħal KLM fil-kawża prinċipali, wettaq waħda mit-titjiriet ta' titjira b'konnessjoni fil-kuntest ta' kuntratt ta' trasport li dan it-trasportatur ikkonkluda mal-passiġġier ikkonċernat, jaqa' taħt din il-klassifikazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, České aerolinie, C-502/18, EU:C:2019:604, punti 24 u 25).

23 Għaldaqstant, titjira b'konnessjoni li waħda mit-titjiriet tagħha hija operata minn trasportatur bħal KLM, fejn jirriżulta li għandu liċenzja operattiva valida maħruġa minn Stat Membru, għandha titqies bħala titjira operata minn trasportatur bl-ajru li jopera Komunitarju, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004, minkejja l-fatt li din it-titjira b'konnessjoni kienet ukoll parzjalment operata minn trasportatur mhux Komunitarju.

24 Fir-rigward tat-tielet kundizzjoni msemmija fil-punt 18 ta' dan id-digriet, mit-talba għal deċiżjoni preliminari bl-ebda mod ma jirriżulta li l-passiġġier ikkonċernat ibbenefika fl-Istati Uniti minn benefiċċji jew minn kumpens u minn assistenza.

25 Għaldaqstant, u ħlief sa fejn il-passiġġier ikkonċernat ikun ibbenefika fl-Istati Uniti minn benefiċċji jew minn kumpens u minn assistenza, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, titjira b'konnessjoni li titlaq minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' pajjiż terz u b'destinazzjoni lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru u operata parzjalment minn trasportatur bl-ajru li jopera Komunitarju, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004, f'dan il-każ KLM, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

26 Għaldaqstant, sussegwentement, għandu jiġi ddeterminat jekk il-passiġġier ta' tali titjira b'konnessjoni u li tkun tat lok għal riżervazzjoni waħda, li tkun waslet b'dewmien ta' tliet sigħat jew iktar fid-destinazzjoni finali tagħha, jistax jippreżenta r-rikors tiegħu intiż sabiex jikseb il-kumpens previst fl-Artikolu 5(1)(ċ) u fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 261/2004, kontra wieħed mit-trasportaturi bl-ajru li wettqu din it-titjira, inkluż kontra t-trasportatur bl-ajru li jopera li miegħu dan il-passiġġier ikkonkluda l-kuntratt ta' trasport, iżda li t-titjira operata minnu ma kinitx l-oriġini ta' dan id-dewmien.

27 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-passiġġieri ta' titjiriet li kellhom dewmien għandhom jitqiesu bħala li għandhom dritt għal kumpens previst fl-Artikolu 5(1)(ċ) tar-Regolament Nru 261/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, fil-każ li dawn isofru, fil-wasla fid-destinazzjoni finali tagħhom, telf ta' ħin ta' tliet sigħat jew iktar (sentenza tad-19 ta' Novembru 2009, Sturgeon *et*, C-402/07 u C-432/07, EU:C:2009:716, punt 61; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2012, Nelson *et*, C-581/10 u C-629/10, EU:C:2012:657, punt 37).

28 Fir-rigward tal-persuna responsabbli għall-ħlas tal-kumpens dovut f'każ ta' dewmien twil mal-wasla ta' titjira b'konnessjoni, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li kull trasportatur bl-ajru li jopera li jipparteċipa fit-twettiq ta' mill-inqas titjira waħda ta' din it-titjira b'konnessjoni huwa responsabbli għall-ħlas ta' dan il-kumpens, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk it-titjira li huwa opera toriġinax jew le mid-dewmien twil tal-passiġġier mal-wasla fid-destinazzjoni finali tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, České aerolinie, C-502/18, EU:C:2019:604, punti 20 sa 26).

29 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja, qabel kollox, irrilevat li t-titjiriet b'konnessjoni waħda jew iktar li jagħtu lok għal riżervazzjoni waħda għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda, kif tfakkar fil-punt 19 ta' dan id-digriet, li jimplika li, fil-kuntest ta' tali titjiriet, trasportatur bl-ajru li jopera li jkun wettaq it-tieni titjira ma jistax jinħeba wara l-eżekuzzjoni ħażina ta' titjira preċedenti operata minn trasportatur bl-ajru ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, České aerolinie, C-502/18, EU:C:2019:604, punt 27).

30 Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li t-tieni sentenza tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament Nru 261/2004 tippreċiża li, meta trasportatur bl-ajru li jopera li ma jkunx ikkonkluda kuntratt mal-passiġġier ikkonċernat jissodisfa obbligi li jirriżultaw minn dan ir-regolament, huwa jitqies li jaġixxi f'isem il-persuna li kkonkludiet il-kuntratt ma' dan il-passiġġier. Għalhekk, f'sitwazzjoni fejn, fil-kuntest ta' titjira b'konnessjoni komposta minn żewġ titjiriet li tat lok għal riżervazzjoni waħda, l-ewwel titjira titwettaq skont ftehim ta' kondiviżjoni ta' kodiċi minn trasportatur bl-ajru li jopera differenti mit-trasportatur bl-ajru li jopera li jkun ikkonkluda l-kuntratt ta' trasport mal-imsemmi passiġġier u li wettaq it-tieni titjira, dan it-trasportatur tal-aħħar jibqa' kuntrattwalment marbut mal-istess passiġġier, anki fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-ewwel titjira (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, České aerolinie, C-502/18, EU:C:2019:604, punti 28 u 29).

31 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li din is-soluzzjoni kienet iġġustifikata mill-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġieri, stabbilit fil-premessa 1 tar-Regolament Nru 261/2004, sabiex jiġi żgurat li l-passiġġieri ttrasportati jiġu kkumpensati mit-trasportatur bl-ajru li jopera li jkun ikkonkluda l-kuntratt ta' trasport magħhom, mingħajr ma jkun meħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-arranġamenti magħmula minn dan it-trasportatur fir-rigward tat-twettiq ta' titjiriet oħra li jikkostitwixxu t-titjira b'konnessjoni li huwa kkummerċjalizza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, České aerolinie, C-502/18, EU:C:2019:604, punt 30).

32 Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, konformement mal-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 261/2004, l-obbligi li għandu trasportatur bl-ajru li jopera skont dan ir-regolament huma bla ħsara għad-dritt tiegħu li jitlob kumpens, konformement mad-dritt nazzjonali applikabbli, lil kull persuna li tat lok għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ta' dan it-trasportatur tal-obbligi tiegħu, inklużi terzi, li jippermetti, fir-rigward ta' titjira b'konnessjoni li tat lok għal riżervazzjoni waħda u li twettqet fil-kuntest ta' ftehim ta' kondiviżjoni ta' kodiċi, lit-trasportatur bl-ajru li jopera li kellu jħallas dan il-kumpens previst mir-Regolament Nru 261/2004 minħabba dewmien twil li effettwa titjira li ma operax huwa stess li jfittex lit-trasportatur bl-ajru li jopera responsabbli għal dan id-dewmien sabiex jikseb kumpens għal dan l-oneru finanzjarju (sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, České aerolinie, C-502/18, EU:C:2019:604, punti 31 u 32).

33 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 5(1)(ċ) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 261/2004, moqrija flimkien mal-Artikolu 3(1)(b) u (5) tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest ta' titjira b'konnessjoni, komposta minn żewġ titjiriet u li tat lok għal riżervazzjoni waħda, bi tluq minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' pajjiż terz u b'destinazzjoni lejn ajruport li jinsab fi Stat Membru permezz tal-ajruport ta' Stat Membru ieħor, passiġġier li jkun vittma ta' dewmien ta' tliet sigħat jew iktar lejn id-destinazzjoni finali tiegħu, li oriġina mill-ewwel titjira, żgurata, fil-kuntest ta' ftehim ta' kondiviżjoni ta' kodiċi, minn trasportatur stabbilit f'pajjiż terz, jista' ifittex permezz ta' rikors għad-danni abbażi ta' dan ir-regolament lit-trasportatur bl-ajru Komunitarju li wettaq it-tieni titjira.

Fuq l-ispejjeż

34 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tordna:

L-Artikolu 5(1)(ċ) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, moqrija flimkien mal-Artikolu 3(1)(b) u (5) tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest ta' titjira b'konnessjoni, komposta minn żewġ titjiriet u li tat lok għal riżervazzjoni waħda, bi tluq minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' pajjiż terz u b'destinazzjoni lejn ajruport li jinsab fi Stat Membru permezz tal-ajruport ta' Stat Membru ieħor, passiġġier li jkun vittma ta' dewmien ta' tliet sigħat jew iktar lejn id-destinazzjoni finali tiegħu, li oriġina mill-ewwel titjira, żgurata, fil-kuntest ta' ftehim ta' kondiviżjoni ta' kodiċi, minn trasportatur stabbilit f'pajjiż terz, jista' ifittex permezz ta' rikors għad-danni abbażi ta' dan ir-regolament lit-trasportatur bl-ajru Komunitarju li wettaq it-tieni titjira.

Reġistratur